MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 74/2012

**Go plc C 22334**

**Vs**

**Bartolo Caroline
I.D. 581282M**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2012 illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija hamsa u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€695.63) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42, li jinkludi servizz telefoniku 21632855, servizz tat-televisioni 1425101533 u 1425101545, u servizz tal-ADSL (AC 40146019).

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas, izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta in subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-15 ta' Gunju,  2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija hamsa u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€695.63) bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------